**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2023

17 ta' Awissu 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Melanie Agius - Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjeda il-laqgħa

## 10.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

10.1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sa. Melanie Agius kienet baghatet korrispondenza li permezz taghha kienet talber lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas taghha ghal ragunijiet ta' sahha. Kien hemm qbil bejn il-membri prezenti illi l-assenza tal-Kunsilliera Agius kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

10.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9/2023 (parti 1) kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

10.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Johann Scerri issekondata mis-Sa. Rita Gatt  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

10.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

10.2.4 Il-minuti ta' seduta numru 9/2023 (parti 2) kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

10.2.5 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa.Rita Gatt issekondata mis-Sur Johann Scerri  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

10.2.6 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

10.2.7 Il-minuti ta' seduta numru 9/2023 (parti 3) kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

10.2.8 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius issekondata mis-Sur Martin Vella  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

10.2.9 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 10.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi kienet inzammet laqgh anhar it-28 ta' Lulju ma Chinese Clinic li kemm il-darba jkun possibbli kienu ser ikunu qieghdin jigu mistiedna jippartecipaw f'Jum Bormla 2023

10.3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi nhar id-29 ta' Lulju 2023 kien iltaqa mas-Sur Andrew Darragh rigward progetti ta' community gardens.

10.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi nhar id-9 t'Awissu 2023 kienet inzammet laqgha rigward gemellaggi li ghaliha kienu attendew rapprezentanti tal-Kunsill Lokali.

10.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-10 ta' Awissu 2023 kellu laqgha ma' Heritage Malta li matulha kien iddiskuta fost l-ohrajn il-possibilita' ta' tpoggija ta' kanuni fuq il-mina ta' Santa Liena.

**10.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

10.4.1 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi infurmat meta ser jitkompla railing fi Triq il-Kuncizzjoni?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ix-Xoghol ser ikun qieghed isir hekk kif il-haddiema tar-Regjun Xlokk ikunu assenjati jahdmu mal-Kunsill Lokali ta' Bormla'.

10.4.2 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet: 'Waslet xi tip ta' risposta rigward talba li kienet saret b'konnessjoni mac-Centru tas-Sahha ta' Bormla?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ma waslet ebda informazzjoni fir-rigward minkejja li intbaghatu reminders'.

10.4.3 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : ' Tista' ssir il-bankina fi Triq Salvu Psaila?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : ' Ser inkunu qieghdin naraw ix-xoghol jistax isir u minn min'.

10.4.4 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet: 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar xoghol ta' restawr fuq mithna li hemm fi Triq San Gwann?'
Is-Sindku wiegeb : 'Infurmat illi kemm il-darba ma jkunx hemm problemi ix-xoghol huwa ppjanat li jsir matul l-2024'.

10.4.5 Il-Kunsilliera Rita Gatt staqsiet: 'Jista' l-Kunsill Lokali jiehu azzjoni rigward rampa tizloq li hemm fi Triq San Gwann kantuniera ma Triq Dwardu?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin naraw li jitnehha l-periklu'.

F'dan l-istadju il-Kunsillier Johann Scerri halla s-seduta 17:50

**10.5.1 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

10.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru07/23) ghall-approvazzjoni. Segwiet diskussjoni libera dwar il-pagamenti dovuti lill-kuntrattur responsabbli mill-gonna u soft areas u kien hemm qbil illi l-istess pagamenti kellhom jinzammu sakemm ma jigix deciz mod iehor mill-Kunsill Lokali

10.5.2 Fuq proposta tas-Sur Martin Vella ssekondata mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Johann scerri u harget mis-seduta il-Kunsillera Melanie Agius (18:58)

10.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Lulju 2023.

10.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**10.6 Mozzjonijiet**

10.6.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet x'jitressqu ghad-diskussjoni.

**10.7 Rapporti**

10.7.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi Distric Operations Ltd kellha tigi miltuba telabora rigward korrispondenza li kienet intbaghtet lill-Kunsill Lokali u li kienet tittratta shift allowances.
- Il-Kunsill Lokali gie mgharraf bi proposta li kienet waslet minghand St.George's F.C. b'konnessjoni ma' progett fi Grawnds Peppi Delceppo li kien qieghed jigi implimentat.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri bin-on-wheels bil-ghan illi jitpogga fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa..
- Wara li gew mghoddija dettalji ta' stima li kienet waslet ghal servizzi ta' data protection officer, il-Kunsill Lokali qabel illi b'effett immedjat is-Sur Adrian Mifsud kelli jinhatar bhala data protection officer tal-Kunsill Lokali ta' Bormla ghal perjodu ta' sena.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li l-Kunsil lokali kien ircieva minghand ALS ghal armar ta' stalls biswit Bacir Numru 1.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienet giet imhabbra edizzjoni ohra tal-premju anzjanita' attiva.
- Wara li inqrat korrispondenza li kien ircieva l-Kunsill Lokali, gie deciz illi kelllu jinhareg permess ghal coffe kiosk f'Bacir Numru 1. Il-Kunsillier Scerri rrimarka illi ma kienx jaqbel mad-decizjoni.

10.7.2 Il-Vici-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni ma' Cospciua Short play Festival 2023, kemm mill-aspett logistiku kif ukoll mill-aspett artistiku. Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-process sabiex tittella' l-attivita' kien miexi hekk kif ippjanat minkejja d-diffikultajiet li kien hemm minhabba nuqqas ta zmien.

10.7.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi d-Dipartiment ghax-xogholijet pubblici, wara li kien iltaqa' maghhom kienu ser ikunu qieghdin jassistu lill-Kunsill Lokali billi ssir manutenzjoni ta' arkati li kien hemm fi Triq ir-Regatta.

10.7.4 Is-Sindku informa lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali kien akkwista nicca tal-gebel li kien qieghed jippjana illi titpogga fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa sabiex titgawda min-nies. L-istess nicca kienet waslet minghajr ma l-istess Kunsill Lokali kien hallas ghaliha.

**10.8 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

10.8.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:45p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-18 ta' Settembru 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Settembru 2023

*IFFIRMATA*
___________________
**Marco Agius**
Sindku

*IFFIRMATA*
_______________________
**Duncan Hall**
Segretarju Eżekuttiv